**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Frar 2024**

**Rikors Numru: 214/2021 MLF**

**John Borg**

**vs**

**Alfred Borg u Jimmy Borg**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-attur fejn talab li previa d-dikjarazzjonijiet opportuni li permezz taghhom tigi determinata l-kwota ta' kull wiehed mill-kontendenti mil-lokazzjoni veljanti fuq l-ghelieqi imsejha Tal-Plajjiet jew drabi ohra Ta' Qasam Barrani, fil-Mellieha fl-inhawi ta' Popeye' Village, il-konvenuti jigu konsegwenzjalment assenjati dawk il-partijiet mill-istess ghelieqi li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tassenjalhom, wara li, occorrendo previa l-opera ta' perit tekniku, il-lokazzjoni tal-istess ghelieqi tinqasam bejn il-kontendenti skond il-kwota li ghandu kull wiehed minnhom.
Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti

2. Rat ir-risposta kongunta ta' Alfred Borg u Jimmy Borg fejn eccepew:

Illi fl-ewwel lok, ghandu jinghad li din il-kawza giet intavolata intempestivament billi bejn l-attur u Alfred Borg hemm kawza ta' spoll bir-referenza 1221/2020 li tinsab differita ghad-9 ta' Frar 2022 quddiem l-Imhallef sedenti l-Onor Imhallef Anna Felice li titratta propjament l-istess bicca raba

Illi huwa pacifiku li meta hemm kawza pendenti ta' spoll bejn il-partijiet ma jistghux jinbdew proceduri dwar l-istess art bejn il-kontendenti u ghalhekk din il-kawza ma tistghax tinstema

Illi in oltre, qatt ma kien hemm ebda indikazzjoni li l-ko intimat Jimmy Borg qieghed b'xi mod jidditjeni art li l-pussess taghha huwa fi stat ta' divizjoni billi d-divizjoni u cessjoni ta' dritt ta' qbiela kien inghata minn missier il-kontendenti madwar 40 sena ilu, ghalhekk tali inkluzjoni tieghu f'dawn il-proceduri hija wahda inutli u bla raguni valida fil-ligi u ghalhekk vessatroja

Illi divizjoni ta' qbiela ta' art agrikola hija tenuta li ssir a terminu tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, u fejn hemm kwistjonijiet ta' eredita il-Qorti tal-Appell fil-Kawza Victor Caruana et vs Michelina Cachia pro et noe. (Appell Civili 621/2005/1 deciz fis-27 ta' Gunju 2008 per Qorti tal-Appell superjuri) gie deciz li:

> *Ghalkemm ir-raba tghaddi fuq dik il-persuna li skond il-Kap. 199 huwa intitolat ghaliha, l-eredi jew l-eredi l-ohra, kemm-il darba l-persuna li f'isimha tigi registrata r-raba hija wahda mill-eredi, ghandhom dritt li jippartecipaw fil-valur tal-istess lokazzjoni skond il-kwoti rispettivi taghhom,…*

Illi in oltre minn imkien ma jirrizulta li hemm xi divizjoni x'issir bejn il-partijiet billi ghal dawn l-40 sena passati kienet cara d-divizjoni bejn il-partijiet u kien biss dan l-ahhar li l-attur John Borg beda juri interess fl-art lilu assenjata wara li ghal snin shah hallieha zdingata u issa qieghed jippretendi li d-divizjoni ma saritx

Illi tali divizjoni hija wahda gejja minn wirt u ghalkemm il-Qorti Civili dejjem iriteniet li ghandha element ta' kompetenza u gurisdizzjoni, kien ikun aktar opportun li jkun hemm divizjoni tal-wirt li kien ghadu ma nqasamx in toto, u mhux a pezzetti

e bukkuni kif jidher li qed jittanta jaghmel l-attur billi, hemm kawza bejn l-istess kontendenti izda fuq art bi qbiela f'post differenti. (Ara Borg John vs Borg Alfred et, Magt. Victor George Axiaq – Avviz Nru. 189/2020 diff. 7 ta' Frar 2022) u ghalhekk l-attur kellu semmai jaghmel referenza lit-tribunal ad hoc u mhux a spejjez tal-partijiet jittanta diversi kawzi

Ghaldaqstant l-esponenti jirritjenu li dina l-Onorabbli Qorti ghandha fl-ewwel lok tiddeciedi l-eccezzjonijiet segwenti:

1. Din il-kawza ma setghetx issir billi hemm kawza ta' spoll bejn tnejn mill-kontendenti fuq l-istess art.

2. Din il-kawza qeghda ssir kontra Jimmy Borg, meta l-istess Jimmy Borg ma ghandux u qatt ma kien b'xi mod involut fil-parti tal-ghalqa bejn l-attur u Alfred Borg u ghalhekk ghandu jigi liberalizzat mill-osservanza tal-Gudizzju u minn kull spejjez.

3. Jekk din il-Qorti thoss li ghandha kompetenza residwa fuq it-Tribunal tal-Qsim tal-Wirt, allura ghandhom jigu kjamati in kawza l-ahwa kollha.

4. Illi billi l-art hija propjeta tal-Gvern ghalhekk id-Dipartiment tal-Artijiet ukoll ghandu jigi kjamat in kawza sabiex dak li tiddeciedi dina l-Onorabbli Qorti jkun ukoll jorbot lill-istess Awtorita, u dan a skans ta' duplikazzjoni ta' kawzi.

5. Dan filwaqt li in materja il-qasma ilha li saret u ceduta lill-ahwa kontendenti John Borg u Alfred Borg, aktar minn 40 sena fi kwoti indaqs bejniethom u dina l-kawza saret inutilment u l-intimati ma ghandhomx ibghatu l-ispejjez taghha.

3. Rat li fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022, gie verbalizzat hekk:

*"Il-Qorti qed tissolleva ex officio il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni tat-talba attrici ratione materiae u dan in vista tal-fatt li t-talba tirrigwarda divizjoni ta' kirja gejja minn wirt, u mir-risposta qed jigi allegat li din hija divizjoni parzjali tal-wirt.*

*L-avukati difensuri jaqblu li l-kawza tista tithalla ghas-sottomissjonijiet rigward l-eccezzjoni tal-komepetenza ta' din il-Qorti ratione materie sollevata minn din il-Qorti ex officio, u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni hija improponibbli."*

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur John Borg.

5. Rat li l-konvenuti naqsu li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet risponsiva fit-terminu lilhom moghti.

6. Rat il-verbal tas-seduta ta1-21 ta' Novembru 2022, li kienet intiza ghal kull trattazzjoni ulterjuri fuq il-kwistjoni sollevata *ex officio* minn din il-Qorti fl-14 ta' Marzu 2022 u fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, fejn il-Qorti regghet tat il-fakolta' lill-konvenuti biex jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom entro t-terminu hemm indikat.

7. Rat li minkejja li dan it-terminu ghadda, il-konvenut baqghu ma pprezentawx in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex taqsam il-lokazzjoni tal-partijiet mill-ghelieqi msejjha tal-Plajjiet jew Ta' Qasam Barrani, fil-Mellieha u tassenja tali qasma lill-konvenuti skond il-kwota li ghandu li kull wiehed minnhom.

9. Fir-risposta taghhom il-konvenuti ippremettew, *inter alia*, li stante li l-qasma mitluba mill-attur hija dwar qbiela li gejja minn wirt l-attur kellu jirreferi t-talba tieghu lit-Tribunal specjali. Minkejja tali premessa, l-konvenuti ma eccepewx in-nuqqas ta' kompetenza b'mod formali.

*L-eccezzjoni sollevata ex officio – il-kompetenza ta' din il-Qorti ratione materiae*

10. Waqt is-seduta tal-14 ta' Marzu 2022 din il-Qorti issollevat *ex officio* il-kwistjoni tal-kompetenza taghha *ratione materiae* u dan in vista tal-fatt li t-talba tal-attur fil-kawza odjerna hi sabiex din il-Qorti taqsam lokazzjoni u tassenjaha lill-partijiet, liema lokazzjoni l-konvenuti jikkontendu li gejja minn wirt, fatt dan li ma giex ikkontestat mill-attur.

11. Hija gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li l-kompetenza tal-Qorti hija determinata principalment mit-talbiet attrici inkluz il-premessi li jingiebu fl-att promotur ghaliex huma dawn li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti ghandha tezercita l-gudizzju taghha. Din ir-regola hija supplimentata b'regola ohra li tirritjeni li fid-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti ghandu wkoll jinghata qies lill-eccezzjonijiet sollevati mill-parti mharrka.[1]

12. Il-kompetenza ta' din il-Qorti hija determinata mill-Artikolu 47 tal-Kodici Civili li jipprovdi hekk:-

> *"**47.** (1) Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat wiehed jippresjedi, u dik il-qorti, bhala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddecidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' hmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqoghdu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta.*
>
> *(2) Dik il-qorti tiddeciedi wkoll il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi espressament thalli ghaliha.*
>
> *(3) Izda l-kawzi li fihom jidhlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li ghandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, pizijiet jew drittijiet ohra mghaqqdin mal-beni immobbli, inkluza kull talba ghal zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqghodu jew li ghandhom l-abitazzjoni ordinarja taghhom fil-limiti tal-*

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Middlea Sea Insurance p.l.c. vs The Cargo Handling Company Limited et** deciza fil-25 ta' Settembru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili *per* Imhallef Joseph R. Micallef

*gurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidhlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba."*

13. Is-sub-artiklu 3 tal-artikolu 47 jelenka lista ezawrenti ta' kwistjonijiet li, irrispettivament mill-valur tat-talba, jezorbitaw il-kompetenza ta' din il-Qorti. Kif sewwa issottometta l-attur, it-titolu ta' lokazzjoni mhuwiex dritt reali izda huwa wiehed marbut mal-persuna li jinghata d-dritt li juza l-haga mikrija. F'dan ir-rigward jigi rilevat li l-artikolu 310 tal-Kodici Civili, li jelenka liema huma dawk il-hwejjeg meqjusa bhala immobbli minhabba l-haga li maghha ghandhom x' jaqsmu, ma jinkludix wkoll id-dritt ta' lokazzjoni li ghalhekk ma jaqax fid-definizzjoni ta' "*drittijiet ohra mghaqqdin mal-beni immobbli"* mahsuba fis-sub-artiklu 3 tal-artikolu 47 tal-Kodici Civili.

14. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Ann Sammut vs Anthony Borg et** deciza fil-31 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[2] irriteniet illi:

*"Minn dan li nghad jidher li t-tema tad-decizjoni mitluba minghand l-ewwel Qorti kienet wahda ta' accertament tad-dritt lokatizju, ossija ta' ko-inkwilinat vantat mill-attrici appellanti. Raffigurata b'dan il-mod l-indagini li kellha taghmel l-ewwel Qorti tad-domanda sottoposta lilha kienet wahda ta' accertament ta' l-ezistenza ta' dak it-titolu, u tali ma jidherx li huwa vjetat li jsir minnha fil-paramentri ta' l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12. Rigwardata purament il-kwestjoni mill-ottika tal-materja – u mhux ukoll dik tal-valur li l-ewwel Qorti baqghet ma investietx – il-kontestazzjoni ma kienetx tivverti fuq dritt ta' proprjeta jew pretensjoni ta' zgumbrament, ghal liema tirreferi l-limitazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti Inferjuri imposta bis-subinciz (3) ta' l-Artikolu msemmi, izda fuq ir-rikonoxximent, o meno, fl-attrici ta' dak id-dritt personali minnha pretiz;*

... ...

*Kieku l-ewwel Qorti zammet ruhha fil-parametri tat-talba kif koncepita, gwidata, s'intendi ukoll, mit-tifsira legali li tohrog mill-Artikolu 47 (3) tal-Kapitolu 12, unitament ma' dik ta' l-Artikolu 310 taht il-Kodici Civili, kienet issib li l-kompetenza taghha ma kienetx ratione materie ezawtorata."*

[2] *Per* Imhallef Philip Sciberras

15. Stabbilit li l-kompetenza ta' din il-Qorti ma hijiex eskluza bl-artikolu 47 tal-Kodici Civili, imiss li jigi stabbilit jekk it-Tribunal dwar il-Qsim ta' Wirt ghandux gurisdizzjoni esklussiva dwar l-oggett tat-talba tal-attur. Il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal specjali hija stabbilita mill-artikolu 3 tal-Att li Jirregola l-Qsim tal-Wirt, liema artikolu jippreskrivi hekk:

> *"**3**. (1) Meta zewg persuni jew aktar ikollhom xi beni komuni li jigu ghandhom minn wirt, dawk il-beni jistghu jkunu suggetti li jinqasmu skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att fuq talba maghmula kif provdut fis-subartikolu (2):*
> *Izda ma ghandha ssir ebda talba bhal dik hlief wara li jkunu ghaddew tliet snin mill-ftuh tas-successjoni.*
>
> *(2) Dik it-talba tista' ssir b'rikors lit-Tribunal minn wiehed jew aktar mill-komproprjetarji li fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni jew ikollhom bejniethom mhux inqas minn hamsin fil-mija tal-ishma tal-beni hekk komuni jew flimkien jikkostitwixxu mhux inqas minn hamsin fil-mija tan-numru tal-komproprjetarji kollha.*
>
> *(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jkunu bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 906 tal-Kodici Civili.*
>
> *(4) Izda meta l-azzjoni tingieb quddiem it-Tribunal jew tintbaghat lilu skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-Tribunal ikollu sakemm dik l-azzjoni hija pendenti quddiemu, l-gurisdizzjoni eskluziva dwar l-oggett ta' dik l-azzjoni u ebda azzjoni ohra dwar l-istess talba ma ghandha tingieb quddiem xi qorti tal-ewwel grad."*

16. Minn din id-disposizzjoni jirrizulta li sabiex it-Tribunal dwar il-Qsim ta' Wirt jigi vestit bil-kompetenza, it-talba trid issir minn komproprjetarji li jkollhom bejniethom mhux inqas minn hamsin fil-mija tal-ishma jew li flimkien jikkostitwixxu mhux inqas minn hamsin fil-mija tan-numru tal-komproprjetarji. In oltre, it-Tribunal dwar il-Qsim ta' Wirt ikollu gurisdizzjoni esklussiva dwar l-oggett ta' l-azzjoni <u>meta</u> dik l-azzjoni tingieb quddiem it-Tribunal. Isegwi ghalhekk li sakemm ma tingiebx azzjoni quddiem

l-imsemmi Tribunal, il-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarja ma hijiex eskluza. Mill-atti ma jirrizultax li l-oggett tal-kawza odjerna, u cioe' l-qasma u l-assenjazzjoni tal-lokazzjoni *de quo,* hija soggetta ghal proceduri quddiem it-Tribunal dwar il-Qsim ta' Wirt, u konsegwentement din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni fir-rigward tat-talba attrici.

*L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti – l-intempestivita' tal-azzjoni*

17. Il-konvenuti jeccepixxu l-intempestivita' tal-kawza odjerna in vista tal-kawza ta' spoll pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili bejn il-konvenut Alfred Borg u l-attur. In sostenn ta' din l-eccezzjoni taghhom, il-konvenuti esebew kopja tar-rikors guramentat ta' Alfred Borg datat 21 ta' Dicembru 2020 li permezz tieghu, wara li premetta li huwa detentur ta' raba gewwa Triq il-Prajjiet limiti tal-Mellieha, talab lil dik il-Qorti sabiex tiddikjara li l-allegat agir tal-attur (konvenut f'dik il-kawza) jammonta ghal spoll u sabiex l-attur jigi ordnat iregga lura ghall-istat originali tieghu ir-raba *de quo*. Mill-atti ma jirrizultax li l-attur qieghed jikkontesta li r-raba' mertu tal-kawza ta' spoll hija l-istess raba' mertu tal-kawza odjerna.

18. Fis-sentenza fl-ismijiet **Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956, gie ritenut illi:

> *"Il-kumulu taz-zewg azzjonijiet, il-possessorja u l-petitorja hu projbit; u dan id-divjet jestendi ruhu ghall-effettiva u plenarja re-integrazzjoni ta' dik il-persuna li l-pussess taghha, anke jekk illegittimu, ikun gie turbat. Liema reintegrazzjoni ma ssirx "actu" bil-prolazzjoni tas-sentenza, imma tabilhaqq bl-ezekuzzjoni ghal kollox tas-sentenza possessorja; u l-ineffikacja tad-domanda proposta fil-petitorju qabel l-ezekuzzjoni tas-sentenza possessorja ma tistax tigi sanata bl-akwijexxenza jew bil-kunsens, espress jew tacitu, tal-kontro-parti, billi dak id-divjet hu ta' ordni pubbliku u maghmul mil-ligi espressament b'mod assolut, u kwindi l-gudikant ma jistax ma jaghtix kaz tieghu minghajr ma jivvjola l-awtorita` tal-ligi."*

19. Dan l-insenjament gie applikat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Andrew Briffa et vs Michael Aquilina et** deciza fis-26 ta' Gunju 2009 fejn gie ritenut illi:

*"… … (D)in il-Qorti taqbel mal-aggravju tal-istess konvenuti li, fis-semplicita` tieghu, hu li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hi zbaljata ghax injorat ghal kollox il-gurisprudenza li kostantement irriteniet li l-kawza fil-petitorju ma tistax tissokta qabel ma l-ispoll jigi spurgat. L-iskop tal-kawza ta' spoll privileggjat jispicca jekk min ikun hati ta' agir spolljattiv ikun jista' jmexxi bil-petitorju filwaqt li jhalli lill-possessur sprovist mill-pussess li kellu qabel l-agir tieghu. La darba l-allegat proprjetarju ta' fond instab responsabbli ta' spoll, irid l-ewwel jirreintegra lill-possessur fil-pussess li kellu qabel ma jirrivendika l-proprjeta` tieghu.*

… …

*F'kaz li jigi deciz li fil-fatt saret ir-reintegrazzjoni fil-pussess allura dik il-Qorti tista' tipprocedi bis-smiegh fil-meritu ta' din il-kawza; izda f'kaz li ma saritx ir-reintegrazzjoni effettiva u kompleta, allura tkun trid tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u fid-dawl tal-gurisprudenza in materja, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju."*

20. Gie wkoll ritenut li l-azzjoni ta' spoll hija wahda ta' ordni pubbliku intiza principalment sabiex tevita li persuna tiehu l-gustizzja b'idejha. Fis-sentenza fl-ismijiet **Margherita Fenech vs Pawla Zammit** deciza fit-12 ta' April 1958 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] spjegat illi:

*"In tema legali jinghad li l-"actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat."*

21. Applikati dawn l-insenjamenti ghall-kaz odjern, jirrizulta li bejn il-partijiet u senjatament bejn l-attur u l-konvenut Alfred Borg hemm pendenti azzjoni ta' spoll, intavolata qabel il-kawza oderjna, fejn il-konvenut Alfred Borg allega li huwa gie imfixkel fil-pussess tar-raba' gewwa Triq il-Prajjiet limiti tal-Mellieha. Il-kawza odjerna titratta talba ghal qasma ta' lokazzjoni relattiva ghall-istess raba' mertu tal-azzjoni ta' spoll. Isegwi ghalhekk li f'dan l-istadju, u indipendentement mill-ezitu tal-

[33] *Per* Imhallef A.V. Camilleri.

azzjoni pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-allegat spoll ghadu ma giex spurgat. Huwa minnu dak li jargumenta l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-kawza odjerna ma hijiex wahda ta' natura petitorja, madankollu huwa evidenti li fl-eventwalita' li din il-Qorti tghaddi biex tilqa' t-talba tal-attur f'din il-kawza u tassenja l-lokazzjoni ta' bicciet mir-raba' lill-partijiet, l-iskop tal-kawza ta' spoll jispicca u b'hekk jigi stultifikat ir-rimedju stabbilit mil-legislatur bl-artikolu 535 tal-Kodici Civili, li kif spjegat huwa wiehed ta' ordni pubbliku.

22. Fl-ahhar tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur jghid, f'kaz li din il-Qorti issib li ghandha tilqa' din l-eccezzjoni tal-konvenut, dak l-akkoljiment m'ghandux iwassal ghar-rigett tal-azzjoni odjerna, izda biss ghas-soprasessjoni taghha, pendenti l-ezitu tal-kawza ta' spoll in kwistjoni, u pendenti r-reintegrazzjoni f'kaz li dik il-kawza tikkonferma li sehh l-ispoll. Pero fl-opinjoni ta' din il-Qorti lanqas din is-sottomissjoni ma hi legalment korretta.

23. Fil-kawza **Carmelo Calamatta et vs Mario Darmenia et** deciza fit-12 ta' Novembru 2003, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[4] irriepilogat il-kazistika fuq is-soprasessjoni hekk:

*"Hi gurisprudenza sekolari illi s-soprasessjoni hi ammessa u ghandha tigi dekretata meta din tkun spedjenti ("**George Cassar –vs- Francis Xuereb**", Appell Civili, 12 ta' Marzu 1973). Spedjenti fis-sens fejn il-kwestjoni involuta fil-kawza pendenti quddiem Qorti ohra (fil-kaz prezenti, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili) hija tali li d-decizjoni tista' tinfluwixxi "a planta pedis" fuq il-meritu tal-azzjoni prezenti ("**Francesco Galea –vs- Pawlu Galea**", Appell, Sede Inferjuri, 23 ta' April 1955). Dan ghar-raguni, ghalkemm mhux necessarjament ristrett ghal din biss, illi jista' jinstab li l-atturi ma ghandhomx it-titolu li jippretendu li ghandhom jew dan it-titolu huwa vizzjat ghal xi wahda mic-cirkostanzi mil-ligi prevvista. F'kaz bhal dan jekk jinstab li l-impunjattiva tal-kuntratt jew tat-titolu jkollha ezitu favorevoli jigi li l-atturi fl-istanza l-ohra minnhom promossa, bhal f'dan il-kaz, jitilfu l-"locus standi" f'din il-kawza. … …"*

[4] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

24. Pero il-kwistjoni fil-kaz odjern m'hix semplicement li l-ezitu ta' dawn il-proceduri jiddependi, jew almenu jista' jiddependi, mill-ezitu tal-proceduri tal-kawza ta' spoll u l-enforzar tas-sentenza relattiva, izda li f'dan l-istadju l-ligi timponi divjet li jiguipprezentati dawn il-proceduri. Fil-fatt l-Artikolu 791(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi illi:

*"Il-konvenut f'kawża ta' spoll magħmula fi żmien xahrejn minn dak in-nhar li jkun sar l-ispoll, ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja, qabel ma jkun raġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat ewlieni u raġa' qiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel il-parti li tkun batiet l-ispoll, f'dak iż-żmien illi, skont iċ-ċirkostanzi, jiġi mogħti lilu fis-sentenza, bla ħsara ta' jeddijiet oħra tiegħu."*

Kif jirrizulta mis-sentenzi fuq citati, il-divjet lill-konvenut f'kawza ta' spoll li jaghti eccezzjonijiet hlief dawk dilatorji, gie interpretat li jfisser li l-konvenut lanqas jista' jipprezenta proceduri civili li bihom jistultifika b'xi mod il-kawza ta' spoll. Dan id-divjet hu ta' ordni pubbliku u maghmul mil-ligi espressament b'mod assolut, u kwindi l-gudikant ma jistax ma jaghtix kaz tieghu minghajr ma jivvjola l-awtorita tal-ligi. La darba l-attur kien projbit li jipprezenta l-proceduri odjerni f'dan l-istadju, jekk din il-Qorti tordna s-soprasessjoni ta' dawn il-proceduri hija tkun fil-realta qed tikkondona l-agir tal-attur, haga li din il-Qorti ma tistax legalment taghmel. Ghalhekk, isegwi li din il-Qorti hi obbligata li ittemm dawn il-proceduri u li tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, kif gie ritenut fis-sentenza **Andrew Briffa et vs Michael Aquilina et** fuq citata.

**Konkluzjoni**

25. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Tiddikjara li hija kompetenti *ratione materiae* li tiehu konjizzjoni ta' dawn il-proceduri;

(2) tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija intempestiva, u konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

26. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-attur.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**